# ARTI U ĦAJJA

## *Ta'* Marċell Mizzi

Meta narak li trid issir poeta
ma nafx nagħdrekx għall-bluh tal-għażla tiegħek
jew nitlob 'l Alla jieqaf dejjem miegħek
biex ma tiskirx u taħseb l'int profeta.

Meta b'għajnejk fil-bogħod taħrab il-folla
u titgħaxxaq u tedha bis-sbuħija,
tintilifx fik innifsek bil-kburija
u ftakar l'inti bniedem bħalna kollha.

Meta tara x-xemx tiddi wara d-dalma
u wara n-nxief tas-sajf tilmaħ ftit ħdura,
jew tisma' r-riħ ivenven wara l-kalma,
nixtieqek ma tinfexx tgħanni n-Natura.

Nixtieqek ħajtek tgħixha flok taħsibha
u l-kelma tiħidha f'waqtha 'l min jismagħha:
tħoss l-imħabba biex tħobb mhux biex tiktibha
u flok tixtieq bla jies tiġġieled b'saħħa.